MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2007

Numru 5757/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Victor Philip Bajada**
**-- *omissis* --**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu digriet wara rikors presentat il-bierah, 10 ta' Settembru 2007, mill-Avukat Generali li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti tirrevoka l-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti Istruttorja lill-intimat u imputat Victor Philip Bajada fl-4 ta' Settembru 2007.

**2.** Victor Philip Bajada tressaq akkuzat fil-15 ta' Mejju 2005 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat, originarjament ma' missieru Emanuel Bajada, b'komplicita` fl-ittraffikar ta' persuni ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, assocjazzjoni ghall-fini ta' reat, li ghex ghal kollox jew in parti mill-qligh tal-prostituzzjoni ta'

persuni ta’ nazzjonalita` barranija, li zamm jew ezercita jew kellu sehem f’burdell u li halla “guest house” tintuza ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni. Huwa kien inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom garanzija personali ta’ Lm20,000 lira. Ghall-habta ta’ April 2006, l-intimat kien halla Malta minghajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti u bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, tant li l-kaz tieghu gie sussegwentement separat minn dak ta’ missieru. B’digriet ta’ din il-Qorti – Qorti Kriminali – tal-14 ta’ Awissu 2006 gie dikjarat li Victor Philip Bajada kien kiser il-kundizzjonijiet numru 1, 2 u 4 tad-digriet tal-Qorti Istruttorja tal-24 ta’ Mejju 2005, u gie ordnat ukoll li s-somma ta’ Lm20,000 garanzija personali tghaddi f’idejn il-Gvern ta’ Malta. L-imsemmi Bajada sussegwentement instab l-Ingilterra u gie estradit lejn Malta (ermezz ta’ *European Arrest Warrant*) fejn huwa wasal lejn l-ahhar ta’ Frar ta’ din is-sena, u tkomplew il-proceduri istruttorji fil-konfront tieghu. B’digriet ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Marzu 2007, imbaghad, gie ordnat li Victor Philip Bajada jinzamm detenut ghal 4,000 gurnata, konformement ma’ dak li jipprovdi l-Artikolu 586(1) tal-Kodici Kriminali, peress li ma kienx hallas is-somma imsemmija. Fl-4 ta’ Settembru 2007, il-Qorti Istruttorja regghet akkordat il-helsien mill-arrest lill-imsemi Bajada bil-kundizzjoni, fost ohrajn, ta’ garanzija personali ta’ ghaxart elef lira (Lm10,000). Huwa dan id-digriet li l-Avukat Generali qed jitlob ir-revoka tieghu skond dak li jipprovdi s-subartikolu (4A) ta’ l-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali.

**3.** Din il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum. Tenut kont tal-fatt li l-intmat Bajada effettivament “harab” – klandestinament jew le huwa mmaterjali – minn Malta s-sena l-ohra waqt li l-proceduri kontra tieghu kienu ghadhom pendenti, din il-Qorti kienet normalment tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali bla esitazzjoni. Din il-Qorti, izda, ma tistax ma tosservax li minn mindu l-intimat ingieb Malta u tkomplew il-proceduri istruttorji, kullma jidher li nstemghu fi ftit anqas minn seba’ xhur <u>kienu biss zewg xhieda</u> (ara fol. 21 tal-attijiet). Inoltre, l-ahhar zewg rinviji ta’ l-Avukat Generali kienu vagi ghall-ahhar – “tisma’ lill-ufficjal prosekutur ighid ghandux x’izid max-xhieda tieghu

u definittivament fadallux aktar provi" – u juru nuqqas kbir ta' ko-ordinament bejn l-ufficcju ta' l-Avukat Generali u l-Pulizija Ezekuttiva. Din il-Qorti mhux sejra tipprova tara ta' min hu t-tort ghal dan il *passo di lumaca* fil-proceduri kontra l-intimat – jekk hux minhabba nuqqas ta' *management* tajjeb da parti tal-Qorti Istruttorja, jew minhabba nuqqasijiet attribwibbli lill-Pulizija Ezekuttiva jew lill-Ufficcju ta' l-Avukat Generali. Li huwa cert, pero`, huwa li Bajada ghadu, ghall-finijiet ta' l-Istruttorja (ghax hemm, imbaghad, id-detenzjoni tieghu minhabba li ma hallasx l-Lm20,000 li gew konfiskati) arrestat preventivament u l-proceduri, li r-ritmu taghhom f'dana l-istadju huwa primarjament dettat mill-prosekuzzjoni, ma humiex jimxu bl-ispeditezza li wiehed ghandu jippretendi. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghalhekk, din il-Qorti ma tarax li ghandha tirrevoka id-digriet tal-Qorti Istruttorja tal-4 ta' Settembru 2007 u tordna l-arrest mill-gdid (dejjem ghall-finijiet tal-Istruttorja) tal-intimat.

**4.** Mill-banda l-ohra, talba ghal revoka bhalma ressaq 'l quddiem l-Avukat Generali tinkludi fiha, bhala kompriza u involuta, talba ghal varjazzjoni, liema varjazzoni din il-Qorti hi wkoll awtorizzata li twettaq skond l-Artikolu 575(4A) imsemmi. Din il-Qorti, wara li rat id-digriet tal-4 ta' Settembru 2007, hi tal-fehma li l-kundizzjonijiet imposti f'dak id-digriet ma jirriflettux il-gravita` ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat kif ukoll tal-fatt li dan effettivament harab minn dawn il-Gzejjer is-sena l-ohra. In partikolari din il-Qorti ma tarax x'sens jaghmel li wiehed jerga' jimponi garanzija personali meta din kjarament ma kienet ta' ebda fren fuq l-imputat is-sena l-ohra. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha tal-10 ta' Marzu 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Abdilla u Dorianne Abdilla**. Ghalhekk hemm lok ta' varjazzjoni fil-kundizzjonijiet imposti fl-4 ta' Settembru 2007 mill-Qorti Istruttorja.

**5.** Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali limitatament billi thassar u tirrevoka l-kundizzjonijiet numru 5, 6 u 8 tad-digriet ta' l-4 ta' Settembru 2007 (fol. 53) u minflokom tissostitwixxi s-segwenti kundizzjonijiet:

- li l-imputat Victor Philip Bajada jirraporta darbtejn kulljum fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, darba bejn it-8.00 am u t-8.30 am, u darb’ohra bejn l-4.00 pm u l-4.30 pm;
- li huwa jirrinkaza fl-indirizz, li huwa ghandu jinforma bih <u>bil-miktub</u> kemm lill-qorti kif ukoll lill-Ispettur Raymond Aquilina, mhux aktar tard mis-6.00 pm u ma johrogx qabel is-7.30 am;
- li huwa jaghmel tajjeb ghall-kundizzjonijiet fl-imsemmi digriet tal-4 ta’ Settembru 2007, kif modifikati bid-digriet odjern, kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579(1) tal-Kodici Krminali billi huwa jiddepozita taht l-awtorita` ta’ din il-Qorti u bhala garanzija is-somma ta’ ghaxart elef lira (Lm10,000).

**6.** Il-Qorti tordna notifika immedjata ta’ dan id-digriet lill-intimat imputat, kif ukoll lill-Avukat Generali u lill-Ispettur Raymond Aquilina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------